KUNSILL LOKALI
**M O S T A**
LOCAL COUNCIL

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mosta**

**Disa' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 7** **It- Tlieta 1 ta' Ottubru 2024**

Il-Kunsilli Lokali Mosta ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq Il-Kostituzzjoni, fis-6:10pm ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Joseph Gatt – Sindku
Thomas De Martino – Kunsillier
Michaela Ann Bayliss – Kunsillier
Sammy Mallia – Kunsillier
Rachel Abela - Kunsillier
Aiken Zerafa - Kunsillier
Chantelle Portelli- Kunsillier
Charles Schembri- Kunsillier
Andre Buhagiar- Kunsillier
Anthony Agius Decelis – Kunsillier
Chris Grech – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):**
Keith Cassar – Viċi-Sindku
Maria Pia Bonnici - Kunsillier

**ASSENTI:**
Nil

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Jeremy Bartolo – Aġent Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Joseph Gatt ippreseda l-laqgħa.

**7.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ippreżenta u qara l-ittra t'apoloġija tal-Viċi Sindku Cassar.

Kien hemm qbil nem. con. li ssir sospensjoni tal- laqgħa sabiex tiġi diskussa l- *management letter* numru 7.5.1 mal-accountant tal-Kunsill Daniel Galea.

## 7.5 Rapporti

7.5.1 *Management letter* u Reply to *Management Letter*

L- Accountant tal- Kunsill beda billi jispjega il- *Management letter* lil- Kunsilliera preżenti, u t-tweġiba tal-Kunsill f'dan ir-rigward. Kien hemm qbil nem. con. li l-ittra ppreżentata lill- kunsillieri, u li kienet preparata mill-accountant tal- kunsill, tiġi mibgħuta lil-entitatijiet ikkonċernati.

L– Aġent Segretarju Eżekuttiv semma li kien hemm laqgħa mad- DGL, fejn kienet diskussa s-sitwazzjoni finanzjarja tal- Kunsill, u kif ser isir pjan biex il- Kunsill inaqqas u jeħles mid-dejn u jikseb status finanzjarja tajba. Is-Sindku u l- Kunsillier Grech semmew li f'din il- laqgħa saret talba sabiex tiġi riveduta l-formola tal-allokazzjoni, kif ukoll ikun hemm żieda f'din l-istess somma tal-allokazzjoni. Id- DGL talab lil- Aġent Segretarju Eżekuttiv sabiex jipprepara dokument tal- accounts tat-Tielet kwart ta' 2024 (3rd Quarter Financial Report 2024) flimkien mal-accountant tal-kunsill, u tinħadem is-somma ta' kemm il- Kunsill jonfoq flus fi spejjeż rikorrenti.

18:16 Daħal għal-Laqgħa l- Kunsillier De Martino

18:19 Daħal għal-Laqgħa l- Kunsillier Buhagiar

Kien hemm qbil nem. con. li ssir sospensjoni tal-laqgħa sabiex jiġi diskuss il- proġett ta' Vjal Kulħadd mal-accountant tal- Kunsill.

7.5.3 Vjal Kulħadd – Opportunita' biex jibda jiġi implimentat il- proġett "Slow Streets"

Fit- 18 ta' Settembru 2024, l- Aġent Segretarju Eżekuttiv attenda laqgħa ippreżentata mill- Ministru Chris Bonnet fejn il- kunsilli ġew mitluba jiddiskutu xi pjanijiet tentattivi u pjanijiet għal- żoni adegwati ta' *Slow Streets*. Dawn il- proposti jinkludu possibiltajiet ta' *Pedestrianisation* f' toroq jew pjazez. Ġew diskussi diversi proposti, fosthom fi Triq il- Ħtajriet, Triq it-Torri, Triq Anġlu Gatt u Sqaq tal-Barrieri. Meta kien kkunsidrat il- kobor ta' dawn il-proġetti, kien hemm qbil li Triq il- Ħtajriet hija kbira, u allura tkun ferm impenjattiva finanzjarjament. Kien hemm qbil bejn il- Kunsillieri li ser ikunu kkunsidrati Triq Anġlu Gatt u Triq it-Torri peress li joffru l-iktar potenzjal. Il- Kunsillieri preżenti qablu unanimament li jsiru l-applikazzjonijiet għal- proġetti fi Triq Anġlu Gatt u Triq it-Torri, u li jkun hemm konsultazzjoni mal-komunità pubblika fi żmien erba' ġimgħat li l-proġetti tal-Kunsill jkunu potenzjalment magħżula.

## 7.2 Kunsiderazzjoni tal- Minuti nru 5 u 6

7.2.1 Korrezzjonijiet - Minuti nru 5

2.4.13 Masterplan matul is-Sena MTA

Il-Kunsillier Grech stqarr kien hemm qbil mal-MTA li l- Kunsill irid jiġbor id-dokumenti mingħand is-sidien tal- ħwienet sabiex issir *masterplan* tal-imwejjed u siġġijiet. Is-Sindku qal li l-Kunsillier Zerafa ser jiċċekja mal-Perit tal-Kunsill fejn ser isir dan l-eżerċizzju ta' studju sabiex imbagħad ssir il-*masterplan,* fejn imbagħad sidien ta' negozji kurrenti u ġodda, jkunu konformi mal-istess *masterplan*.

5.3.3 Casa Arkati

Huwa magħruf li hemm problemi bit-*Traffic Lights* ta' Casa Arkati. Għat-tiswijiet, kienu kkuntattjati Transport Malta u Enemalta. L-Enemalta qalu li għadhom iridu joħorġu tender biex jsiru t-tiswijiet neċessarji. Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li ser tinżebaħ *zebra crossing* temporanjament sabiex il-persuni mixjin ikunu jistgħu jaqsmu b'mod iktar sigur. Il- Kunsillier Decelis talab sabiex issir *bus stop* li sservi minn Casa Arkati għal-Pjazza tal- Mosta. Il-Kunsilliera qalu li f'dik ż-żona, partikularment fejn hemm il-Gym, hija problema peress li t-Triq tiġi dejqa u jinżamm it-traffiku bil-waqfien b'tal-Linja. Dan apparti l-fatt li hemm diġà *bus stops* li jservu qrib tal-post imsemmi. Is-Sindku u l-Kunsillier Grech qablu li soluzzjoni possibbli tkun li jsir *bus stop* mingħajr xelter quddiem l-Alu. Care. Madankollu, kien hemm qbil li dan il-*bus stop* jibqa fejn hu sabiex il-Kunsill jesplora l-possibbiltà li jsir *bus shelter* minflok.

5.3.7 Triq is- Sgħajtar

Is-Sindku qal ser ikomplu x-xogħolijiet fuq il-bankini u drenaġġ però għadna ma nafux meta ser titlesta. Il-Kunsilliera Bayliss semmiet li hemm xi problemi fir-rigward ta' bankini li m'humiex aċċessibbli.

5.3.8 Żona ta' Mlit

Il-Kunsillier Decelis qal li hemm xi tabelli li kellhom jitneħħew però ma għadhom ma tneħħewx. Is-Sindku qal li hemm xi tabelli ma twaħħlux mill-Kunsill u qiegħed jara u jidentifika fejn hemm dawn it-tabelli li mhux suppost qiegħdin hemm, u li ser jitneħħew jew jiġu mgħottija.

5.4.1 *Rights Project* (Kunsilliera Bayliss)

Il- Kunsilliera Bayliss semmiet proġett li jinvolvu żagħżagħ bejn 6 u 16- il sena. Il- Kunsill irid joħroġ sejħa ta' żgħażagħ interessati u jiġbor lista ta' *mentors*. Il- Kunsilliera staqsew x'inhuma l-ispejjeż assoċjati ma dan il-proġett. Il-Kunsilliera Bayliss qalet li m'hemmx spejjeż. Kien hemm qbil nem. con. li għandha tesplora iktar dettalji biex iseħħ dan il-proġett.

5.4.3 Proġett – *Housing Estate* (Kunsillier Grech)

Il-Kunsillier Grech jixtieq permess mingħand il-Kunsill sabiex jitlob proġett fil- *Housing estate* mid-daħla tal- *Housing estate* minn Vjal l-Indipendenza għal Triq Freddie Micallef sal- Pjazzetta tar-*roundabout* u minn Triq it-Trinċetta sa Ġnien Kevin Vella, bil-*Planters* u/jew affarijiet simili. Il-Kunsillier Grech semma li jixtieq li ssir bankina ġdida magħmula minn materjal partikolari bħal porfido u/jew ġebel tal- Qawwi b' serje ta' siġar fejn possibli. Il-Kunsillier Grech jixtieq il-permess mingħand l-kunsill biex iġib dawn il-fondi għal dan il-Proġett, mingħajr ebda spejjeż lill-kunsill. Kien hemm qbil mingħand il-Kunsilliera nem. Con. li l-Kunsillier Grech jipproċedi bit-talba għal dan il-proġett.

7.2.2 Aġġornamenti Minuti nru 5

2.3.6 Project Green

Il- Kunsillier Grech bagħat email bil- permess tas-Sindku lill-Project Green (mehmuża) fejn intalbet laqgħa sabiex isiru *toilets* pubbliċi fi Ġnien Reġġie Cilia, jew inkella l- Kunsill jingħata biċċa art żgħira fejn umbgħad ikun jista jiżviluppa it-*toilets* meta jkun jista.

Fl-istess email, il-Kunsillier Grech semma li fi Ġnien Carmelo Dimech, il-Kunsill m'huwiex lest nieħdu ħsieb il-manutenzjoni kollha, u proponew li t-tisqija u s-soft areas jieħdu ħsiebhom Project

Green. Is-Sindku semma li kien hemm qbil f'dan ir-rigward. Allura, il-Kunsill jieħu ħsieb il-bins, knis, dawl, manutenzjoni tad-dawl etc.

Il- Kunsillier Grech semma ukoll tkunx possibli li l-manutenzjoni tal- Pjazza tiġi f'idejn Project Green. Il- Kunsillier Grech qal li kellem lil-Ministru, u għandu jirċievi notifika għal-laqgħa.

2.4.2 Flus biex jinġabru

Rigward id-Development Planning Fund tal-Proġett tal-Pjazza, il- Kunsillier Grech qal li kkorresponda mal- Planning Authority u bgħatilhom id- dokumenti kollha li kien fadal. Infrastructure Malta qiegħdin jibgħatu biex issir laqgħa bejn l-entitajiet kkonċernati.

2.4.6 Dog Bins

Il- Kunsillier Zerafa semma li hemm dog bin fi Triq il- Ħtajriet, li rridu nerġgħu nsibulu post. Il- Kunsillier Agius Decelis staqsa rigward sarux l- alterazzjonijiet proposti mill- Kunsilliera Bonnici. Is-Sindku qal illi min hu inkarigat biex jagħmel dawn l- emendi bħalissa għandu iktar xogħol impenjattiv bit-tindif tal-Culverts.

2.4.10 Culverts

Is-Sindku informa lill- Kunsillieri li bħalissa għaddej ix-xoghol ta' tindif tal-culverts u kważi tlestew kollha u baqa ftit li għad iridu jitnaddfu. Il- Kunsillier Grech informa li għad hemm xi toroq li għadhom ma tlestewx.

2.5.1 Sitwazzjoni finanzjajra

Il-Kunsillier Grech qal li rridu naraw x' works orders ħarġu fit- tmien leġiżlatura u li għadna ma rċivejniex invoices tagħhom. Is-Sindku talab lill- Kunsillier Grech jiltaqa mal-Aġent Seretarju Eżekuttiv u jduru l-lista flimkien. Il- Kunsillier Grech enfasiżża li jrid ikun hemm prijorita' li l-flus jintużaw għall-iskemi u mhux għal-xogħolijiet fejn il-Kunsill irid joħroġ 100% tas-somma.

5.3.4 Skeda ta' Żoni problematiċi ta' ħamiem.

Is-Sindku qal li talab lir-Reġjun jipprovdi għalf tal- ħamiem li jneħħi l-kapaċita' ta' reproduzzjoni, u allura titnaqqas il- popolazzjoni.

5.3.5 Żoni St Margherita, Triq Callus u Grognet de Vasse

Kien hemm aġġornament li Pjazzetta Torri ma ġietx mgħotija tarmak peress li bħalissa hemm proġett tal- Public works sabiex jiġi pavimentat. U allura dan sar biex ikun hemm armonija fix-xogħol għax jekk kien jingħata tarmak kien ikun hemm kunflitt bejn żewġ proġetti għaddejjin simultanjament.

5.3.7 Triq is- Sgħajtar

Is-Sindku stqarr li intalab timeline ta' xogħolijiet pero' ma rċevejna xejn.

5.3.9 Konsultazzjoni pubblika tal-għeluq u ftuħ tal-Pjazza

Is-Sindku spjega li l- Konsultazzjonijiet Pubbliċi ser ikunu iktar wesgħin milli l- għeluq u l- ftuħ tal-Pjazza biss, u allura l- ilmenti kollha jistgħu jinstemgħu mill- Kunsill.

5.3.10 Żona proġett tal- Isperanza (applikazzjoni PC/00045/23)

Ma kien hemm ebda żvilupp f' dan ir-rigward.

5.4.4 Community Police

Kien hemm diskussjonijiet għaddejjin mal-Community Police rigward fejn ser ikollhom il- bażi tal-uffiċini tagħħom. S'issa kien hemm diskussjonijiet għaddejjin fejn kien propost li l-uffiċini jsiru Ż-Żokrija.

5.4.5 Dekorazzjonijiet tal- Milied

Il- Kunsillier Grech fakkar li peress li dalwaqt ġej il-Milied u allura irridu nitkellmu mad- DGL sabiex naraw il- Kunsill jistax jerġa jġedded it- tender tat- tiżjin tal- Milied peress li skada fit- 2022, u ġġedded fit- 2023. L- Aġent Segretarju Eżekuttiv qal illi ser jiċċekja f'dan ir-rigward minnufiħ. Is-Sindku qal li Reġjun Tramuntana m' huwiex ser itina fondi għall- Milied. Għaldaqstant, Il-Kunsillier Grech qal li ma jagħmilx sens li ser narmaw bħas-snin ta' qabel jekk ma nġabrux fondi esterni mill- Kunsill, ladarba il- Kunsill qiegħed jgħid li għandu d- dejn. Is- Sindku qal li ma jixtieqx isir tiżjin fiż- żoni peress li għandna d- dejn, jiġifieri jsir l- istess armar, bis- siġra tal- Milied, u jinqatgħu ż- żoni. Il- Kunsillier Grech qal li ma jaqbilx li ma jsirux ż-żoni; il-Kunsillier Agius Decelis qal li jaqbel mal- Kunsillier Grech u peress li l- Milied huwa żmien sabiħ, jrid isir sewwa. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li m'hijiex daqshekk sempliċi minħabba li s-sitwazzjoni fininazjarja hija batuta, allura biex isir l-istess armar iridu niksbu fondi esterni konsiderevoli, iktar mis-snin ta' qabel. Is-Sindku qal li ser jara minn fejn ser iġib il-fondi biex jevalwa dan jistax iseħħ.

7.2.3 Korrezzjonijiet Minuti nru 6

Kien hemm żball fl-attendenza ta' Minuti nru 6 u dawn ġew ikkoreġuti. Il-kontenut ta' Minuti nru 6 kien approvat nem. con.

**7.3 Kommunikazzjoni / Korrispondenza mis-Sindku**

8:30pm L-Aġent Segretarju Eżekuttiv fakkar li baqa nofs siegħa għal-tmiem il-laqgħa

7.3.1 Injury Claim fi Triq Patri Avertan Fenech

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv spjega il- każ tas-Sur Venables li wasal fl- uffiċini tal- Kunsill. L- Aġent Segretarju Eżekuttiv kellem lill- avukat tal- Kunsill sabiex jikseb parir legali. L-avukat tal-Kunsill kiteb risposta li fil- fehma tiegħu għandha tiġi mibgħuta lis-Sur Venables, liema ittra ġiet preżentata. Kien hemm qbil nem. con. li din l- ittra tintbgħat lis-sinjur, hekk kif kien stipulat mill-Avukat tal-Kunsill.

7.3.2 Toroq mingħajar isem fiż- żona ta' Mellu il-Mosta

Inqrat ittra mibgħuta lill-Kunsill li hemm xi toroq għandhom bżonn jiġu mgħotija isem. Għal dan l-għan hemm bżonn li jiltaqa' t-*Traffic Management Committee* (TMC) sabiex dan ikun diskuss u l-ismijiet tat- toroq jitressqu. Kien hemm diversi proposti u l- Aġent Segretarju Eżekuttiv fakkar li dawn iridu jinżammu għal-laqgħa tat- TMC. Is-Sindku stqarr illi għad irid jiddeċiedi il-kompożizzjoni tal-membri tat-TMC.

7.3.3 Upgrade near Sant Andrija Chapel Mosta - Żona tal-Qares

Is-Sindku semma li din hija skema mal- Public works, fejn ser isir pavimentar madwar il- Kappella bil-porfido, benches u siġar. Il- Kunsill m'huwiex ser jidħol fi spejjeż f' dan il-proġett. Il-konsultazzjoni pubblika għas-servizzi ser issir min naħa tal-Public Works ukoll.

Kien hemm qbil nem. con. li ssir sospensjoni tal- laqgħa sabiex jiġi diskuss il- proġett ta' Bandli Kevin Vella magħruf ukoll bħala r- Reservoir ta' Mlit mal-Periti ta' Project Green.

7.3.4 Ġnien Kevin Vella – Ta' Mlit

Il- Periti ta' Project Green ippreżentaw disinji tal-proġett li ser isir fuq il- ġibjun fiż- żona ta' Mlit. Il-Kunsillier Grech infoma lill- Periti u lis- Sindku li din ż- żona ġiet ċċertifikata bħala devoluta lill-Kunsill. Fl- 10 ta' Ottubru 2024 ser iseħħ l-iffirmar tal- lease agreement mal-Lands Authority. Il- Periti kkonfermaw illi dan il-proġett ser ikun kompletament iffinanzjat min naħa tagħhom. Il- Peiriti ta' Project Green staqsew għandniex kopji tal- MOU tal- Ġnien ffirmat. Il-Kunsillier Grech qal li għandna tnejn, wieħed tal-ġnien, u l-ieħor tal-ġibjun. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li ma sabx l- MOU ffirmat tal-ġnien, u sab biss tal- ġibjun. Il-Kunsillier Grech kien qed ifittex sabiex isib dan id-dokument. Issemmiet ukoll possibilta' li jsir open library fiż- żona kwieta tal- proġett. Il- Kunsillier Decelis issuġerixxa li l- librerija tista tkun online, u l- periti ta' Project Green kellhom jiċċekjaw f'dan ir- rigward. Il- Kunsillier Grech semma li jrid ikun indikat fil- pjanta fejn ser ikun hemm il- Blue badge parking peress li dan huwa ddettat mis- CRPD. Kienet msemmija mil- Kunsillier Grech tkunx possibli ssir xi garbage room inkorporata f' dan il- proġett sabiex tinżamm l-indafa fiż- żona u ma jkunx hemm boroż tal-iskart li jintefgħu fil- ġnien sakemm jinġabar. Finalment kien hemm qbil li fil- futur qarriebi trid ssir laqgħa ta' konsultazzjoni mar-residenti taż-żona fejn il-Kunsill jinforma lir-residenti bil-pjanijiet rigward dan il-proġett.

Il-Kunsillier Grech semma li l-Kunsill ser ikun devolut biss iż-żona tal- Ġnien, u l-ġibjun ikun għand il-Public Works minħabba raġunijiet ta' manutenzjoni u sigurta' tal-ġibjun bħala maħżen tal- ilma.

Il-Kunsillier Grech semma li l- Lands ħarġet in- *no objection* tal- Obelisk. Il– Kunsillier Grech semma ukoll li hemm l-applikazzjoni tal-Obelisk għaddejja mal-Planning Authority peress li fil- Kunsill passat kien hemm qbil li ssir l-applikazzjoni għalih. Il–Kunsillier Grech stqarr mas-Sindku li jrid jkompli d-diskussjonijiet mal-PAMA sabiex jiġu assigurati l- fondi għal dan il- proġett, peress li fi żmien l-leġiżlatura ta' qabel kien hemm diversi attentati biex ikun hemm ftehim, pero' dan ma mmaterjalizzax.

7.3.5 SPI/SCI/7/2024 Servizz ta' Manutenzjoni Minuri f' Binjiet pubbliċi

Il-Kunsilliera Bayliss preżentat skema ta' tranġar ta' bini pubbliku, li fil- każ tagħna ssemma li huwa xieraq li jsir manutenzjoni fiċ-Ċentru Ċiviku. Kien hemm diskussjonijiet fir-rigward ta' fejn għandu jsir ix- xogħol, pereżempju fil-faċċata jew isiru tiswijiet lil- bejt u l-apramorti. Kien hemm qbil unanimu li l-applikazzjoni ssir fuq il- parapett u *shafts* taċ- Ċentru Ċiviku peress li jekk kellu jsir manutenzjoni tal- faċċata, l- ispiża kienet tkun miżjuda sostanzjalment u allura ma jkunx fattilbbi. Kien hemm qbil nem. con. li l- Kunsill jipproċedi bl- applikazzjoni.

7.3.6 Siġriet fi Ġnien Reġġie Cilia

Is-Sindku semma li rċieva komunikazzjoni mill- ERA fi żewġ siġriet li huma mejtin, u l-Kunsillier Grech talab biex Project Green ineħħu dawn is- siġar li huma perikolużi. Korrespondenza mehmuża.

## 7.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

7.4.1 Għajnuna finanzjarja għal- żmien il- Milied

Il-Kunsillier Zerafa staqsa jekk hijiex ideja tajba il-Kunsill jmissux jitlob għajnuna finanzjarja mingħand il-Komunita kummerċjali fi żmien il- Milied. Kien diskuss illi din tkun possibilta ladarba ma jkunx hemm fondi li jinkisbu minn sorsi oħrajn, pero' m' hijiex ser tkun meqjusa bħala prijorita.

7.4.2 Animal Welfare

Il-Kunsilliera Bonnici bgħatet messaġġ fuq il- grupp tal- Kunsill peress li ma kinitx preżenti. Il-Kunsilliera Bonnici qalet li ser tagħmel laqgħa lil- cat feeders reġistrati mal-Kunsill sabiex jingħataw il-vouchers u tags nhar it-Tlieta 8 ta' Ottubru 2024.

7.4.3 Buses tat-turisti fil- Pjazza u *cleanup* 26 ta' Ottubru

Il- Kunsillier Zerafa semma li hemm problema ta' buses li qiegħdin jiefqu f' nofs tat- triq biex iniżżlu t-turisti. Is-Sindku qal li tajjeb issir laqgħa mal- Arċipriet biex din il- kwistjoni tiġi indirizzata. Il-Kunsillier Zerafa semma ukoll li ser ssir *cleanup* nhar is- Sibt 26 ta' Ottubru 2024, u ser jirriċerka diversi possibiltajiet ta' finanzjarjament għal din l-attività .

7.4.4 Intervent – Kunsilliera Bayliss

Il- Kunsilliera Bayliss semmiet li l-Kunsill qiegħed jirċievi numru sostanzjali ta' rapporti ta' żibel li m'huwiex qiegħed jinġabar. F'dan ir- rigward issemma ukoll illi hemm it-tender tal-knis li qiegħed jistenna biex jiġi evalwat. Il- Kunsillier Grech qal lis- Sindku li tkun ideja tajba li jlaqqa' il-bord t' evalwazzjoni sabiex dan it- tender jkun jista jiġi evalwat. Is- Sindku qabel, u ser ssir talba sabiex jiltaqa l-bord fil-futur qarriebi.

7.4.5 Intervent – Kunsillier Decelis

Il- Kunsillier Decelis propona li fi żmien il- Milied jagħmel *essay competition* u *crafts competition*, f'kollaborazzjoni mal-iskejjel Mostin fejn tfal u żagħżagħ ikunu jistgħu jipparteċipaw. Kien hemm qbil illi dan isir.

Il- Kunsillier Decelis propona li ssir avveniment ta' tlielaq taż- żwiemel bħal ma kien sar madwar 50 sena ilu. Il-Kunsillier Decelis semma ukoll li għal dan l- avveniment il-Kunsill jkun irid jipprovdi barrikati u l- insurance. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv fakkar li rridu naraw eżattament xi tkopri l-*Insurance Policy* tal- Kunsill. Issemmew nhar is- Sibt u l- Ħadd, 23 u 24 ta' Novembru bħala dati proviżjonali. Il-Kunsillier Decelis qal illi jekk hemm qbil mil- Kunsill, jipproċedi sabiex jorganizza laqgħa mal-persuni nvoluti fit- tiġrijiet taż-żwiemel. Kien hemm qbil mill- membri preżenti tal- Kunsill li l- Kunsillier Decelis jipproċedi.

9:00pm L- Aġent Segretarju Eżekuttiv stqarr li s- Sindku qiegħed jitlob estenzjoni tal-Laqgħa b' nofs siegħa sabiex titlesta l-aġenda, u kien hemm qbil nem. con. li l-Laqgħa tiġi estiża sa 9:30pm.

7.4.6 Attività tal- Kunsill - Il-Kunsillier Schembri

Il- Kunsillier Schembri talab l- approvazzjoni tal- Kunsill għal- proposta t'attività għall- anzjani li ser ssir fl-24 ta' Ottubru fil-Lukanda San Antonio. Kien hemm qbil nem. con. li l-Kunsillier Schembri jipproċedi b'din l-attività .

7.4.7 Intervent - Il-Kunsillier Grech

Il- Kunsillier Grech talab skeda ta' tisqija, jiġifieri fejn kull żona ikun imissha tiġi msaqqija skond l-iskeda. Is-Sindku qal li ser jiċċekja f'dan ir- rigward.

Il-Kunsillier Grech talab meta ser titnaddaf il- ġiebja tal-Pjazza. Is-Sindku qal li din għada ma ġietx imnaddfa peress li kien previst temp ħażin, u qal li qiegħed jieħu ħsiebha.

Il- Kunsillier Grech talab li jsir l-evalwazzjoni tat- tender tal- knis kif kien diġa msemmi f'punt 7.4.4.

Il-Kunsillier Grech semma li m'hemmx infurzar mingħand l- uffiċjala tal-LESA. Is- Sindku qal illi ser ikollu laqgħa fil- jiem li ġejjin mal- LESA sabiex jiġu ndirizzati nuqqasijiet evidenti fl-enfurzar.

Il-Kunsillier Grech staqsa l-Kunsill irċeviex xi komunikazzjoni rigward Vjal Ragusa. Is-Sindku u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv qalu li ma rċivewx komunikazzjoni f' dan ir-rigward. Il- Kunsillier Grech ser jibgħat *email* biex jara kienx hemm aġġornamenti.

## 7.5 Rapporti

7.5.2 Tender Lease of Premises

It- tender bit- titolu "Tender Lease of Premises" kien preżentat lil- Kunsillieri u dan issa ser jintbagħat mingħand l- Aġent Segretarju Eżekuttiv b' email sabiex jinġabar feedback għal- emendi.

7.5.4 Ċerimonja Qalbiena Mostin

Kien hemm qbil li din l- attività ser sseħħ nhar il- Ħadd 17 ta' Novembru. Iktar dettalji ser jiġi diskussi fil- jiem ġejjieni.

## 7.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni

7.6.1 Skeda tal- Pagamenti

L-iskeda ta' Pagamenti numru 154 kienet approvata nem. con.

7.6.2 Purchase Orders

Il-lista ta' purchase orders kienet approvata nem. con.

7.6.3 Works Orders

Il-lista tal- Works Orders kienet approvata; pero' il- Kunsillier Grech talab *breakdown* ta' WO number 197 minħabba illi skondu, il- prezz huwa pjuttost għoli. L- Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li ser jġib dawn il- figuri.

7.6.4 Petty Cash

Il-lista tal-Petty Cash ta' Awissu u Settembru kienet approvata nem. con.

Il-laqgħa ntemmet fid-21:36pm ta' filgħaxija, u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta, 5 ta' Novembru 2024 fis-6:00pm.

Kien hemm qbil illi l-Laqgħa Pubblika tinżamm nhar l-Erbgħa 26 ta' Novembru 2024 fis-7:00pm.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| Joseph Gatt | Jeremy Bartolo |
| Sindku | Aġent Segretarju Eżekuttiv |